31985R3644

24.12.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 348/4

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3644/85
tad-19 ta' Diċembru 1985
li jemenda r-Regolament Nru 79/65/KEE li jwaqqaf *network* għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar l-introjti u l-ħidma kummerċjali ta' l-azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikolu 396 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament Nru 79/65/KEE tal-Kunsill [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2143/81 [2], irid, barra l-emendi pprovduti fl-Att ta' l-Adeżjon nnifsu, jiġi adattat sabiex titqies is-sitwazzjoni l-ġdida maħluqa mill-adeżjoni; billi dan l-addattament jirrigwarda l-lista tad-diviżjonijiet iddikjarati fl-Anness mar-Regolament;

Billi skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, l-istituzzjonijiet Komunitarji jistgħu jaddottaw, qabel l-adeżjoni, il-miżuri riferiti fl-Artikolu 396 tal-Att ta' l-Adeżjoni, dawn il-miżuri li jidħlu fis-seħħ biss bla ħsara għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness mar-Regolament Nru 79/65/KEE:

"*Spanja*

1. Galicia,
2. Asturias,
3. Cantabria,
4. País Vasco,
5. Navarra,
6. La Rioja,
7. Aragón,
8. Cataluña,
9. Baleares,
10. Castilla-León,
11. Madrid,
12. Castilla-La Mancha,
13. Comunidad Valenciana,
14. Murcia,
15. Extremadura,
16. Andalucía,
17. Canarias.

Il-Portugall

1. Entre-Douro-e-Minho e Beira Litoral,
2. Trás-os-Montes e Beira Interior,
3. Ribatejo-Oeste,
4. Alentego e Algarve,
5. Açores e Madeira."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1986 bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jirrigwarda l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Għandu jibda japplika b'effett mis-sena tal-kontijiet 1986.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

M. FISCHBACH

---

[1] ĠU C 109, tat-23.6.1965, p. 1859/65.
[2] ĠU L 210, tat-30.7.1981, p. 1.